MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Appell Civili Numru. 248/2010/1

**Ivan Buhagiar**

**Vs**

**Christopher Agius**

Il-Qorti,

Fil-15 ta' April 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat

is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ta' Ivan Buhagiar ippresentat fit 8 ta' Lulju 2010 fejn huwa talab lill-dina l-Qorti tordna lill-intimat Christopher Agius ihallsu l-ammont ta' hdax-il elf, tlett mija u sitt Euro (€11,360) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-intimat lir-rikorrent ghal hlas ta' merkanzija minnu ordnata u kkonsenjata, liema ammont baqa' ma thallasx minkejja interpellazzjonijiet varji kif ukoll pagament ta' zewgt cekkijiet illi eventwalment ma gewx onorati mill-Bank.*

*Rat ir-risposta ippresentata mill-intimat fil 5 ta' Novembru 2010 fejn laqa ghal dak mitlub milli qal li t-talba hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt filwaqt illi sahaq illi l-ammont pretiz huwa 'zbalorditiv'.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Ivan Buhagiar*** *moghtija fit 22 ta' Frar 2011 u d-dokumenti minnu ppresentati.*

*Rat l-affidavit ta'* ***George Apap****, "salesman ma' Mizzi", ippresentat fl 14 ta' Lulju 2011.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Melanie Buhagiar****, mart ir-rikorrent, u d-dokument ippresentat precendement u minnha redatt a fol 25 tal-process, moghtija fit 28 ta' Ottubru 2011.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Frida Micallef****, li kienet tahdem fil-hanut tar-rikorrent, moghtija fit 28 ta' Ottubru 2011.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Christopher Agius*** *ippresentat fis 17 ta' Frar 2012.*

*Rat illi, wara erbgha differimenti ghal-provi tal-intimat, fejn ma tressqet ebda prova, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012, il-Qorti iddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa u ddifferit il-kawza ghas-sentenza ghal 15 ta' April 2013 bil-fakolta' tan-noti.*

*Rat illi ma gew ippresentati ebda sottomissjoniet bil-miktub mill-partijiet.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, fil-kawza odjerna, ir-rikorrent, illi jiggestixxi hanut gewwa Ganu Street, Birkirkara bl-isem ta' 'Jelly Tots', qieghed jitlob illi jithallas ta' merkanzija illi huwa kien regolarment ibiegh lill-intimat, u li taghha l-intimat ma hallsux, ghalkemm kien wieghdu diversi drabi illi ser ihallsu.*

*Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta illi l-intimat, li jahdem bhala Puluzija, kien imur jixtri regolarment minghand il-hanut tar-rikorrent, u kien jixtri l-affarjiet kollha necessarji ghad-dar u ghall-uzu personali tieghu. Huwa ma kienx ihallas meta jiehu l-affarjiet izda kien jitfaghhom fuq il-kont u,kull tant zmien, imbghad kien jghaddi u, wara illi r-rikorrenti jaghmillu l-kont, ihallsu, jew permezz ta' cash jew inkella permezz ta' cekk.*

*Illi jirrizulta, skond dak allegat mir-rikorrent, illi l-intimat kien jixtri fi kwantitajiet kbar u ghalhekk kien ikollu kontijiet relattivament gholjin. Fil-bidu, l-pagamenti kienu jsiru regolarment, izda, maz zmien, meta dawna bdew jikbru, r-rikorrenti ghamel 'pitazz' sabiex inizzel dak li jbiegh lill-intimat. Eventwalment, fl-ahhar tax-xahar, kien jghaddu ghall-kont u jhallsu permezz ta' cekk, li jkun 'blank' b'mod illi eventwalment ir-rikorrent seta jimla l-isem lill min tali cekk seta jissarraf.*

*Illi, f'mument minnhom, ic-cekks ma baqghux jissarfu izda l-intimat assikurah li kien ser ihallsu malli jinbiegh xi post li kellu. Infatti, eventwalment, skond r-rikorrent, f'mument minnhom, l-intimat mar ghand ir-rikorrent, gabar ic-cekks li ma ssarrfux u hariglu zewgt cekkijiet datati Settembru 2009, wiehed fl-ammont ta' sebat elef Euro u iehor fl-ammont ta' tmien elef Euro. Wiehed mic-cekks, eventwalment, r-rikorrent kitbu*

*f'ismu stess, filwaqt illi c-cekk l-iehor kitbu f'isem habib tieghu, George Apap, illi kien salesman ma' Mizzi, u li kien igib x-xoghol ghal hanut tar-rikorrent, u dawna gewesebiti bhala Dok IB1 u IB2.*

*Illi, minkejja l-assikurazzjonijiet tal-intimat, z-zewgt cekks ma gewx onorati u, f'mument minnhom, intervjena missier l-intimat u ghadda elfejn Euro bhala pagament akkont. Saru diskussjonijiet biex dak dovut jigi ridott fil-kitba u gie sahansitra redatt ftehim ta' €15,000 a favur tar-rikorrent mill-avukat tar-rikorrent, liema ftehim izda qatt ma gie iffirmat.*

*Illi, madanakollu, jirrizulta, skond ix-xhieda tar-rikorrent, li minkejja li l-intimat ghaddielu pagamenti ghal affarjiet ohra lia ma gahndhomx x'jaqsmu ma dina l-vertenza, l-intimat hallas ftit mill-import taz-zewgt cekkijiet li ma gewx onorati. Infatti, jidher illi r-rikorrent reggha ghamel pitazz iehor, b'zewgt pagni, pagna ghal kull wiehed miz-zewgt cekkijiet li ma ssarfux, u kien inizzel il-pagamenti li kien jghaddilu l-intimat.*

*Illi jirrizulta minn dawn iz-zewgt pagni, esebiti bhala Dok IB3 u IB4, illi mill import ta' sebat elef Euro, kien hallas elf, tmien mija u hamsin Euro, filwaqt illi mill=import ta' tmint elef Euro, kien hallas elf sebgha mija u disghin Euro.*

*Illi, fl-ahhar nett, jirrizulta li,f 'mument minnhom, l-intimat kien ser jipprova jottjeni loan sabiex ihallas il-kont tax-xirja tieghu izda, eventwalment, huwa ma gabx tali loan u ghalhekk il-hlas baqa' qatt ma sar.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax ma tinnotax in0nuqqas palez ta' kwalsiasi prova minn naha tar-rikorrent biex jipprova il-pretensjoni tieghu illi dak minnu mitlub qed jintalab ghal hlas ta' merkanzija mibjugha lill-intimat.*

*Ir-rikorrent jghid illi kellu pitazz illi fih kien inizzel kull ma kien ibiegh lill-intimat, izda, f'dawn il-proceduri, qatt ma gie prodott ebda tip ta' pitazz illi juri li dak mitlub huwa attwalment relatat ma' affarjiet mixtrija mill-intimat.*

*Ir-rikorrent jipprova jilqa ghal tali nuqqas billi jghid li meta l-intimat kien jghaddilu cekk, huwa kien iqatta il-pagna tal-pitazz, u kien ghalhekk illi ma ghandhux il-pitazz.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi z-zewgt cekkijiet allegament mghoddija lir-rikorrent mill-intimat kienu allegatament mghoddija wara illi hafna cekkijiet ohra ma ssarfux. Il-Qorti ma tistax ma tistaqix allura kif jista jkun illi r-rikorrent kien jaf kemm kellu jaghtih l-intimat la darba kien qatta' il-pagni. Dana qieghed jinghad anke in vista tal fatt illi, kif stqarr l-istess rikorrent, l-intimat kellu jaghtih flus ghal affarjiet ohra illi mhux meritut al-kawza odjerna, u li attwalment l-intimat kien hallas.*

*Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tinnutax id-diskrepanza bejn ix-xhieda tar-rikorrenti u ta' siehbu George Apap, is-"salesman ta' Mizzi", fejn jidhol ic-cekkijiet inniffishom. Ir-rikorrent, minn banda wahda, jghid illi l-intimat, mument minnhom, qallu li dahhal il-flus, u ghalhekk mar ghandu u "qatta c-cekkijiet kollha li kelli u hareg cekkijiet godda". George Apap, mill-banda l-ohra, jghid illi, wara li ma ssarfulux xi cekkijiet, ltaqa' mieghu Hal Luqa u hariglu cekk ta' tmint elef Euro, liema cekk inhareg direttament f'isem George Apap mill-intimat stess.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi hemm kunflitt car bejn dak li qed jghid ir-rikorrent u dak li qal ix-xhud prodott mir-rikorrent, George Apap. Apparti minn hekk, ix-xhieda ta' George Apap xejn ma hija kredibbli peress illi huwa stqarr illi l-intimat hareg ic-cekk direttament f'ismu meta harsa lejn ic-cekk ta' tmint elef Euro juri bl-aktar mod lampanti li l-kitba tal-flus fuq ic-cekk u il-kitba tal-isem fuq l-istess cekk, huma kitba totalment differenti, b'mod illi jidher car li George Apap qieghed jigdeb.*

*Illi, apparti minn hekk, il-Qorti hija ferm sorpriza kif qatt seta jkun illi kont li, allegament jirrigwarda xirja ta' affarjiet ghal kunsum tad-dar u affarjiet personali ghall-intimat setghu itellghu kont ta' hmistax-il elf euro u, aktar*

*u aktar, tali kont huwa wiehed dritt, minghajr centezmi u/jew ghexieren u mijjiet ta' Euro.*

*Dawna il-fatti kollha jwasslu ghal dubju serji hafna dwar in-natur tad-dejn illi r-rikrorent qieghed jippretendi minghand l-intimat, liema dubju huwa aktar imsahhah mix-xhieda ta' mart ir-rikorrent meta, fix-xhieda taghha, tghid illi hija qatt ma ddahhlet fl-istorja u kull ma kienet taf hija li kienet tara lill-intimat jaghmel ix-xirja. Hija kemmxejn inverosmili illi Melanie Buhagiar, mara tar-rikorrent, ma kienetx taf x'kien ghaddej u, aktar u aktar, tenut kont tal-ammont kbir li kien jidher dovut, qatt ma staqsiet lir-ragel x'kien qed isir mill-kont tal-intimat.*
*Il-Qorti tifhem illi possibbilment l-intimat kien jixtri xi affarjiet mill-hanut tar-rikorrent, ghal liema affarjiet jidher illi saru pagamenti kemm minnu kif ukoll mill-familja tieghu, izda certament ma giex ippruvat illi l-intimat kellu jhallas l-ammont ta' hdax-il elf, tlett mija u sitt Euro (€11,360) bhala bilanc minn somma akbar dovuta minnu lir-rikorrent ghal hlas ta' merkanzija minnu ordnata u debitament ikkonsenjata, kif indikat fl-avviz.*

*Il-fatt illi r-rikorrent ma kienx f'pusizzjoni jindika lill-Qorti x'merkanzija biegh lill-intimat ma jaghti lill-Qorti ebda soluzzjoni ohra ghajr illi tiddikjara illi dak mitlub mir-rikorrent ma giex ippruvat u ghalhekk ma jistax jigi milqugh minn dina l-Qorti.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi*

*Tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u*

*Tichad it-talba attrici kif dedotta.*

*Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha."*

Illi l-appellanti Ivan Buhagiar appella mill-imsemmija sentenza fit-termini essenzjalment ta' lanjanza wahda u cioe' illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mismugha quddiemha u dana kif imfissra fl-aggravji imressqa minnu li jikkoncernaw:-

(a) illi l-Qorti ghamlet apprezzament mhux gust tal-provi mismugha quddiemha kif ukoll naqqset milli taghmel apprezzament shih tal-provi kollha li kien hemm fl-atti.

(b) Ix-xhieda ta' Frida Micallef mismugha fit-28 ta' Ottubru 2011 ma ittehditx in konsiderazzjoni.

(c) Illi kien hemm zewg cekkijiet mghoddija lill-appellanti minn Buhagiar u li ma issarrfux, wiehed ta' €7000 u iehor ta' €8000, li jixhdu r-rikonoxximent tad-debitu.

(d) Wara dan l-appellat ghamel zewg pagamenti, wiehed ta' €1790 u iehor ta' €1850 li ukoll jikkostitwixxu rikonoxximent da parti tal-appellat illi huwa debitur lejn l-appellanti.

(e) Ix-xhieda ta' Melanie Buhagiar ma gietx mehuda in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti billi hija involviet ruhha fit-trattativi ma'l-appellat sabiex ihallas l-ammont dovut u ressqet provi f'dan ir-rigward li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni.

(f) Il-kostituzzjoni ta' debitu li qatt ma giet iffirmata ukoll ma ittehditx in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti.

(g) Finalment missier u oht l-appellanti kienu ghamlu tajjeb ghal parti mil-ammont dovut billi kienu hallsu parti mid-debitu.

Illi l-appellanti wiegeb ghal dawn il-lanjanzi billi sahaq illi huwa fatt stabbilit fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax aprezzament ta' provi li issir mill-qorti ta'l-ewwel grad sakemm ma ikunx hemm ragunijiet gravi u impellanti li iwassluha sabiex taghmel dan. Ukoll l-appellat qatt ma cahad illi huwa kien jixtri minn ghand l-appellanti izda isostni illi huwa dejjem hallas u li l-ammont pretiz huwa ezorbitanti u hija din il-prova li naqas milli jaghmel l-appellanti. L-appellanti ma iressaq l-ebda prova dwar kif kien izomm il-kontijiet u tal-mod kif wasal ghac-cifra mitluba. Ghalhekk lanqas fuq bazi ta' probabbilita' l-Qorti qatt ma setghet tistabilixxi jekk dak mitlub mill-appellanti huwiex rejali u verosimili billi ma kienx jinzamm rendikont u billi lanqas l-kostituzzjoni ta' debitu ma giet iffirmata.

Illi in succint, fl-aggravji tieghu l-appellant qed jishaq illi kien hemm provi varji fl-atti li kollha jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' il-fatt illi l-appellat huwa debitur lejh. Illi dwar dan il-fatt ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ukoll irrikonoxxiet illi kien hemm xi pendenzi bejn il-partijiet. Dak illi gie rimproverat lill-attur appellanti huwa in-nuqqas ta' prova li jindika illi d-debitu minnu allegat huwa relatat ma' bejgh ta' merkanzija

kif indikat mill-attur appellanti fit-talba imressqa minnu. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet hekk fid-decizjoni taghha:

"**Il-fatt illi r-rikorrenti ma kienx f'posizzjoni jindika lill-Qorti x'merkanzija biegh lill-intimat ma jaghti lill-Qorti ebda soluzzjoni ohra ghajr illi tiddikjara illi dak mitlub mir-rikorrent ma giex ippruvat u ghalhekk ma jistax jigi milqugh minn din il-Qorti.**"

Minn qari ta' dina il-parti disposittiva tas-sentenza jirrizulta ghalhekk illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha illi tirrigetta t-talba attrici kienet in-nuqqas ta' provi dwar il-kawzali tal-azzjoni u cioe' illi ma kienx hemm prova illi l-ammont mitlub kien jirrapprezenta l-bejgh ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut appellanti. Fil-fatt targumenta hekk s-sentenza appellata:

"**Dawna il-fatti kollha iwasslu ghal dubji serji hafna dwar in-natura tad-dejn illi r-rikorrenti qieghed jippretendi minghand l-intimat ….**"

Illi hawnhekk dina il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-Ewwel Qorti erronjament wasslet ghal konkluzjoni illi tichad it-talbiet attrici billi l-kawzali ghat-talba ma gewx ippruvati. Jinsab provdut fl-Artikolu 214 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi *"fl-ewwel grad, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi pruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti*

*tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ipprovat, fuq l-istess citazzjoni*."

Dan hu hekk logiku gjaladarba a kuntrarju ta' dak li nsibu fl-Artikolu 156 tal-Kap 12 riferibilment ghac-citazzjoni, li hija procedura rizervata ghal qrati superjuri, fil-kaz ta' qrati ohra fil-kompetenza taghhom inferjuri c-citazzjoni issir "*bil-mod ta' rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher*" (Art 171 (1) Kap 12).

"Minn dawn id-disposizzjonijiet huwa bil-wisq evidenti illi "*il-qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz*" – "**Francis Fenech –vs- Joyce Restall et**", Appell Sede Inferjuri, 29 ta' Marzu 1982; "**Donald Darmanin –vs- Direttur tal-Portijiet**", Appell Sede Inferjuri, 9 ta' Novembru 1977.[1]"

Dana il-fatt jidher li sfuggja lill-attur appellanti billi ma iressaq l-ebda aggravvju f'dana ir-rigward izda jieqaf fuq il-lanjanza illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezament zbaljat tal-provi u fl-appell tieghu ihejji elenku ta' aggravvji unikament marbut ma' dan. Dana mhuwiex korrett billi l-Ewwel Qorti evalwat gustament ix-xhieda kollha li kellha imressqa quddiemha. Dana wassalha ghal konvinciment morali fuq bazi ta' probbabilita' illi il-provi li kellha quddiemha ma kenux bizzejjed biex jindikaw illi l-ammont kien dovut in konnessjoni mal-

[1] Ara sentenza Anthony Farrugia vs Anthony Vella – deciza App. Inf. 22/11/2002

bejgh ta' merkanzija ghalkemm mill-provi kien jidher illi kien hemm xi pendenza ezisenti bejn il-partijiet. Fil-fatt fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti kellha diversi dubbji dwar kemm huwa minnu illi l-ammont ta' €13000 kien dovut verament ghal bejgh ta' merkanzija billi mix-xhieda ta' Melanie Buhagiar li ma kellhiex idea ta' dak li sehh bejn zewgha u l-konvenut u il-konfliggenza bejn ix-xhieda ta'l-attur u ta' George Apap fejn dan ta'l-ahhar sostna illi l-konvenut kien ghaddielu diversi cekkijiet li ma issarrfux u mhux cekk wiehed kif isostni l-attur huma verament inkreduli. Ukoll il-fatt illi l-attur, negozjant, qatt ma zamm rendikont ta' dak li biegh lill-konvenut u ighid illi l-pitazz fejn kellu imnizzel ix-xirjiet li kien jaghmel l-konvenut minn ghandu *on credit*, ghal xi raguni inspjegabbli, kien qattghu ma tantx taghmel sens, kif gustament stqarret l-Ewwel Qorti. Kwindi dina l-Qorti ma tarax illi hemm ragunijiet impellenti li iwasslu lil dina il-Qorti sabiex tvarja id-diskrezzjoni ta'l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi u dana ghaliex ghalkemm jirrizulta mill-atti illi kien hemm debitu pendenti bejn il-partijiet, madanakollu l-Ewwel Qorti tghid illi ma giex ippruvat illi dana id-debitu kien konness mal-bejgh ta' merkanzija u hawn l-Ewwel Qorti kellha ragun billi l-attur ma iressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward ghajr li ighid illi l-konvenut kien jixtri minn ghandu bil-kwantita u iressaq lavranta tieghu biex tikkonferma dan. Izda x'kien jixtri ma giex indikat.

Madanakollu dina l-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi li kien hemm fl-atti l-Ewwel Qorti xortawahda setghet tasal ghal konkluzjoni illi l-konvenut kien debitur lejn l-attur fl-ammont indikat fl-avviz billi kif inghad hija ma kenitx marbuta strettament mal-kawzali idnikati fit-talba u setghet tilqa' t-talba attrici abbazi ta' jedd iehor mhux indikat l-avviz. Dana ghaliex ma hemmx dubbju mill-

atti dwar il-fatt illi l-konvenut kien debitur lejn l-attur fl-ammont indikat u dana kif jixhdu id-Dokumenti IB3 u IB4 esebieti in atti u mhux ikkontestati mill-konvenut ejn sar ftehim bejn il-kontendneit dwar il-pagamenti rateali li kellhom isiru in konnessjoni maz-zewg ammonti dovuti ta' €7000 u €8000 rappresentanti iz-zewg cekkijeit rilaxxjati mill-konvenut wiehed a favur ta' l-attur u l-iehor a favur ta' George Apap. L-attur appellanti ma iressaq l-ebda aggravvju f'dana is-sens u jitlob lil dina l-qorti ta' revizjoni sabiex tissindika biss l-apprezzament tal-provi li sar u jieqaf hemm. Kwindi dina l-Qorti hija prekluza milli tidhol biex tezamina dina l-kwistjoni gialdarba l-attur appellanti ma iressaq l-ebda lanjanza biex jattakka is-sentenza mill-lat procedurali u legali kif hawn fuq spjegat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud.

Spejjez ta' dina l-istanza ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------